

V

(Avviżi)

**PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.7583 — CSL Limited/Novartis Influenza Vaccines Business)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

**(2015/C 206/07)**

1. Fit-12 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹) li permezz tagħha CSL Limited ("CSL", l-Australja) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' Novartis Influenza Vaccines Business ("Il-Mira", l-Iżvizzera) permezz ta' xiri tal-ishma u l-assi.
2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċerrnati huma:
  - CSL hija kumpanija farmaċewtika attiva mad-dinja kollha fir-riċerka, l-iżvilupp, il-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' bijoterapiji, tilqim (permezz tas-sussidjarja tagħha bioCSL) u farmaċewtiċi oħra,
  - Il-Mira hija n-negozju ta' Novartis fit-tilqim tal-influwenza tal-bniedem, li timmanifatura u tbigħ it-tilqim tal-influwenza primarjament fl-Istati Uniti tal-Amerika, iż-ŻEE u l-Argentīna. Novartis hija kumpanija diversifikata fil-kura tas-saħħa. Fl-Ewropa, in-negozju tagħha jinkludi Novartis Pharmaceuticals, Alcon (mediċini għall-kura tal-għajnejn) u Sandoz (mediċini ġeneriċi).
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-fax (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru tar-referenza M.7583 — CSL Limited/Novartis Influenza Vaccines Business fl-indirizz li ġej:

European Commission  
 Directorate-General for Competition  
 Merger Registry  
 1049 Bruxelles / Brussel  
 BELGIQUE / BELGIË

---

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).